**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Romedan Said Ali Taha, detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 72307A**

*Każ Dwana Nru.238/2019*

Illum, **28 ta' Lulju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Romedan Said Ali Taha** u ċioe`:

1. Talli fid-**29 ta' Lulju, 2018**, fl-akkwati tal-Monti tal-Ħadd, il-Furjana, wara tfittxija mill-Uffiċjali tad-Dwana, instab li xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew laqa' għandu, żamm, kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam billi għen jew assista fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożt ta' sigaretti bla dazju, fi kwantità kif deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern ta' Malta minn Dazji u Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti:

   6 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna- *Business Royals*
   8 pakketti b'20 sigarett kull pakkett- *Business Royals.*

   Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni tagħhom hija projbita u/jew ristretta u/jew limitata, għandhom valur ta' €39.44, Dazju tas-Sisa dovut ta' €237.81, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw

għal €22.72 u €53.99 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur tal-Artikli 60(b)(k), 62(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artiklu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap.37, l-Artikli 16(1)(j) u 17(1)(a)(d), u tar-Regolament 7 tat-Taqsima Ċ fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dawn is-sigaretti inqabdu bin-Nota ta' Qbid 138/2018.

Minħabba l-fatt li s-sigaretti in kwistjoni huma soġġetti wkoll għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), għaldaqstant qiegħda tinġibed l-attenzjoni dwar proċeduri oħra separati li jistgħu jittieħdu mid-Dipartiment konċernat fil-konfront ta' Said Ali Taha Romedan ai termini tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Ukoll talli fil-**11 ta' April, 2019**, fil-Furjana, wara tfittxija mill-Uffiċjali tal-Pulizija, instab li xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew laqa' għandu, żamm, kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam billi għen jew assista fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożt ta' sigaretti bla dazju, fi kwantità kif deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern ta' Malta minn Dazji u Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti:

    6 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna- *Marlboro*
    4 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna- *Business Royals*
    9 pakketti b'20 sigarett kull pakkett- *Business Royals*

    Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni tagħhom hija projbita u/jew ristretta u/jew limitata, għandhom valur ta' €63.22, Dazju tas-Sisa dovut ta' €381.19, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €36.41 u €86.55 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati.

    Dan bi ksur tal-Artikli 60(b)(k), 62(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artiklu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap.37, l-Artikli 16(1)(j) u 17(1)(a)(d), u tar-Regolament 7 tat-Taqsima Ċ fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

    Dawn is-sigaretti inqabdu bin-Nota ta' Qbid 79/2019.

    Minħabba l-fatt li s-sigaretti in kwistjoni huma soġġetti wkoll għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), għaldaqstant qiegħda tinġibed l-attenzjoni dwar proċeduri oħra separati li jistgħu jittieħdu mid-Dipartiment konċernat fil-konfront ta' Said Ali Taha Romedan ai termini tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fid-19 ta' Frar, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**Preliminari**

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm dan il-każ jirrisali għall-2019, dam ikaxkar għal sitt snin bi ftit li xejn progress matul is-snin, minkejja l-fatt illi lura f'Mejju 2019 il-Qorti, kif diversament ippreseduta, kienet ivverbalizzat illi kien "*hemm il-possibbiltà ta' tranżazzjoni.*"[1] Ukoll jekk jittieħed in konsiderazzjoni l-perjodu meta l-pandemija tal-COVID-19 impattat ix-xogħol tal-Qrati u rriżultat f'sensiela ta' differimenti minħabba l-kanċellament tas-smiegħ tal-kawżi, jibqa' l-fatt illi sa Frar 2024, kien instema' biss xhud wieħed tal-prosekuzzjoni fil-każ in eżami. Kien hemm perjodu fl-2021 meta l-imputat ma kienx qed jidher u kien anke tpoġġa fuq il-*wanted list.* In vista ta' dan id-dewmien il-Qorti kif preseduta, fl-ewwel seduta tagħha tad-19 ta' Frar, 2024, ordnat lill-prosekuzzjoni biex tressaq il-provi kollha relatati ma' dan il-każ, fis-seduta suċċessiva. Kemm l-allegata Mona Ibrahimkif ukoll l-imputat naqsu f'okkażjonijiet separati li jidhru għas-smiegħ tal-kawża wara li kienu debitament notifikati u fil-fatt, il-Qorti ħadet il-miżuri opportuni billi immultathom u ordnat Mandat ta' Akkumpanjament fil-konfront ta' Mona Ibrahim u Mandat ta' Arrest fil-konfront tal-imputat. Sussegwentement, kemm l-allegata Mona Ibrahimkif ukoll l-imputat xehdu *viva voce* f'dawn il-proċeduri fis-seduta tat-8 ta' April, 2025.

Fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2023, il-Qorti kienet infurmata illi l-imputat kien qiegħed jagħmel xi pagamenti amministrattivi. Sussegwentement, fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2025, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet qiegħda tirtira l-ewwel

---

[1] Fol.27

imputazzjoni rigward l-inċident tal-2018 stante illi *"l-imputat ħallas il-piena amministrattiva lid-Dipartiment tad-Dwana."*[2]

Għaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni.

Isegwi li tenut li l-ewwel imputazzjoni ġiet irtirata, ai fini li jiġi deċiż il-mertu, il-Qorti ser tikkunsidra biss in-**Nota ta' Qbid numru 79/2019** u l-evidenza miġjuba l-quddiem rigward l-istess oġġetti.

Ikkunsidrat,

**<u>Il-Provi</u>**

**Christopher Galea,** uffiċjal fi ħdan l-uffiċju legali tad-Dipartiment tad-Dwana, ippreżenta żewġ *letters to prosecute* kif ukoll żewġ **Noti ta' Qbid bin-Numri 138/2018 u 79/2019** konnessi mal-inċidenti tad-29 ta' Lulju, 2018 u 11 ta' April, 2019, rispettivament. **Ix-xhud esebixxa wkoll formalment l-oġġetti maqbudin, kif deskritti fl-istess Noti ta' Qbid.**[3]

L-istess xhud, meta riprodott fis-seduta tat-8 ta' April, 2025, esebixxa żewġ *Letters to Prosecute* li kienu nħarġu mid-Dipartiment tal-VAT.[4]

**L-Ispettur Jeffrey Rizzo,** spjega illi fil-11 ta' April,2019, meta kien stazzjonat ġewwa l-Għassa tal-Belt bħala Surġent tal-Pulizija, kienu informati dwar xi argument ġewwa Triq il-Miratur, il-Furjana. Ix-xhud, flimkien ma' xi kollegi, fosthom PS507 u PC322, kienu marru fuq il-post fejn sabu mara bl-isem ta' Mona li kienet qiegħda targumenta ma' raġel bl-isem ta' Romedan Said Ali Taha. Ix-xhud għaraf lil dak l-istess individwu bħala l-imputat. Il-mara bdiet tispjega lill-pulizija dwar l-argument iżda mbagħad qaltilhom illi l-imputat kellu xi sigaretti moħbija. Hi ħadithom ġewwa post fil-Furjana, faċċata ta' ġnien u qrib xbieha tal-Madonna, minn fejn ġew elevati xi sigaretti li mbagħad ingħataw lill-Ispettur li dak iż-żmien kienet is-Superjura tagħhom.[5]

**PS507 Rhys Cassar,** spjega illi nhar il-11 ta' April, 2019, meta kien xogħol ta' bil-lejl ġewwa l-Għassa tal-Belt, għall-ħabta tal-ħdax u għaxra (~11:10pm) daħlu żewġ telefonati li ddeskrivew xi argument li kien qiegħed iseħħ fi Triq il-

---

[2] Fol.69

[3] Fol.18 u **DOK.CG1, CG2, CG3** u **CG4** a fol.14-17

[4] Fol.76 u **DOK.VAT** u **DOK.VAT1** a fol.78 u 79

[5] Fol.59

Miratur, il-Furjana. Ix-xhud, flimkien ma' xi kollegi, marru fuq il-post fejn iltaqgħu ma' żewġ persuni. Ix-xhud kellem l-ewwel lil Romedan Said Ali Taha, l-imputat, li kien spjegalu illi kellu argument ma' ċerta Mona li kienet qiegħda tgħix fir-residenza tiegħu. Meta x-xhud kellem lil Mona hi qaltlu li l-imputat kien iġib is-sigaretti bla dazju u jbiegħhom. Dak il-ħin stess, il-mara uriet lill-pulizija il-post fejn l-imputat kien ħeba minn dawk is-sigaretti, fi ġnien fejn il-*gate* ta' fuq tal-*MEPA*. Meta x-xhud mar hemmhekk, sab bagalja ta' lewn iswed u basket ta' lewn blu li ġo fihom kien hemm sigaretti li ma kellhomx id-dazju.

Il-Pulizija mbagħad informaw lis-suspettat bl-arrest tiegħu, tawh it-twissijiet u d-drittijiet tiegħu u nformaw lill-Ispettur tal-Għassa li dak iż-żmien kienet Priscilla Caruana Lee.[6]

**Eks-Spettur Priscilla Caruana,** xehdet illi fl-2018 kienet stazzjonata l-Għassa tal-Belt meta l-pulizija kienu msejjħa mill-Uffiċjali tad-Dwana waqt spezzjoni li kienet saret fil-Monti tal-Furjana. Hemmhekk kienu waqqfu lill-imputat li sabulu xi grosos tas-sigaretti bil-kuntrabandu u illegali. Il-pulizija kienu qed jistennew il-*Letter to Prosecute* min-naħa tad-Dwana. L-imputat kien ittieħed l-Għassa tal-Belt iżda ma ġiex arrestat. Iċ-*charges* inħarġu wara.

Bejn il-11 u t-12 ta' April, 2019 daħal rapport fl-Għassa tal-Belt li ttieħed minn PS 507 u li kien magħmul minn Mona Ibrahim li allegat li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu sigaretti illegali. Il-pulizija marru fuq il-post fil-Furjana u arrestaw lill-imputat sabiex isiru investigazzjonijiet. Minn hemmhekk ġew elevati xi sigaretti *Marlboro* u *Business Royals.* Peress li l-imputat beda jgħid li kien qed iħossu ma jiflaħx, ittieħed Mater Dei. Minn hemmhekk huwa telaq u reġa' ġie arrestat. Imbagħad kien tressaq il-Qorti fejn ċaħad li dawk is-sigaretti kienu tiegħu. In kontro-eżami, x-xhud ikkonfermat illi l-akkuża relatata mal-ewwel istanza tal-2018 kienet sorvolata peress illi l-ammont dovut kien tħallas direttament lid-Dipartiment.

Rigward l-episodju tal-2019, ix-xhud spjegat illi skond ma kienu qalulha l-pulizija li kienu marru fuq il-post, Mona kienet uriethom fejn kienu s-sigaretti u wara ressqithom għal xi mkien ieħor biex iżżomm l-evidenza sakemm ċemplet lill-pulizija.

Ix-xhud spjegat illi kien hemm xi diżgwid bejn l-imputat u Mona li mbagħad marret tirraportah lill-pulizija u allegat li dawk is-sigaretti kienu tiegħu.[7]

---

[6] Fol.61
[7] Fol.70-72

*Current Incident Report*

Skond dan ir-rapport, l-inċident li seħħ fil-11 ta' April, 2019 bejn il-11:15pm u l-11:35pm kien deskritt bħala *"MISCELLANEOUS-INSULTS AND THREATS."* Għall-ħabta tal-11:10pm kienu daħlu ġewwa l-Għassa tal-Belt żewġ telefonati anonimi, waħda minn persuna femminili u l-oħra minn persuna maskili li qalu illi fi Triq il-Miratur kantuniera ma' Triq il-Kapuċċini l-Furjana kien hemm koppja li kienu qegħdin jiġġieldu.

Erba' uffiċjali tal-Pulizija li rrapportaw immedjatament fuq il-post, sabu mara u raġel jargumentaw bejniethom. PS 507 kellem lil Romedan Said Ali Taha li stqarr illi għal dawk l-aħħar xahrejn kien qiegħed iżomm lil Mona Ibrahim Mahmud ġewwa daru u kienu qegħdin spiss ikollhom xi jgħidu bejniethom. Waqt l-argument li kellhom dakinhar, Mona kienet bdiet toffendih b'ommu u b'missieru.

PS 507 kellem ukoll lil Mona Ibrahim li stqarret illi dakinhar Romedan kien qabadha minn idha, tefagħha mal-art u ntefa' fuqha bil-ħwejjeġ b'kollox. Waqt li beda jżommha mal-art beda jagħmel mossi li qed ikollu x'jaqsam magħha. Żiedet tgħid illi kien ilu l-lejla kollha jgħid li ried ikollu x'jaqsam magħha. Wara ftit stqarret ukoll illi Romedan kien ibiegħ is-sigaretti bla dazju u dakinhar filgħaxija kien mar jaħbihom meta qaltlu li kienet se tmur għand il-Pulizija. Hi kienet segwietu sa ħdejn il-Madonna tal-Furjana ħdejn Pjazza Robert Sammut u kif telaq minn hemm, qabdet is-sigaretti u ħbiethom ħdejn il-MEPA. Kien għalhekk li Romedan kien irrabjat magħha peress li ma setax isib is-sigaretti. Fuq il-*mobile* tagħha, Mona uriet filmat lil PS 507 fejn Romedan instema' bosta drabi jgħid 'sigarett' fost ħafna tgerfix ta' kliem ieħor. Mona żiedet tgħid li ġieli waqt li kienet qiegħda tkun qed tkellem lil Romedan, kien joħroġ il-parti tiegħu u jagħmel atti indeċenti quddiemha.

PS 507 u PS 1024 kienu marru ma' Mona ħdejn il-ġnien tal-MEPA fejn instabu bagalja sewda li kien fiha ħames grosos sigaretti bla dazju tal-marka *Marlboro* kif ukoll basket blu li kien fih ħames grosos sigaretti magħluqa ta' bla dazju u waħda miftuħa, tal-marka *Royals.*

Romedan ittieħed iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana u minn hemm kien mibgħut l-isptar Mater Dei minħabba li kellu uġiegħ f'sidru.

Tabib miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana iċċertifika lil Mona bħala li kienet qiegħda ssofri minn ġrieħi ħfief.

Is-sigaretti ġew mgħoddija lill-fizzjal tad-Dwana Emanuel Mifsud.

Saret tfittxija fir-residenza ta' Romedan fil-presenza tiegħu u ta' PS 710 u nstab basket tal-plastik bir-riklam *Business Royals* li ġie elevat u mgħoddi lill-Ispettur Priscilla Caruana Lee. [8]

*Dikjarazzjoni ta' Mona Mahmud Ibrahim*[9]

Fit-12 ta' April,2019 Mona Ibrahim irrilaxxat dikjarazzjoni fejn spjegat illi kienet ilha taf lil Romedan għall-aħħar xahrejn u li kien żammha għandu ġewwa l-post tiegħu fil-Furjana għal dawk l-aħħar ġimagħtejn peress illi ma kellhiex fejn toqgħod.

Il-ġurnata ta' qabel hi u l-imputat kellhom argument u l-ġirien kienu ċemplu lill-pulizija li marru fuq il-post. Qabel dan, Romedan kien beda jheddidha li kien se jkollu x'jaqsam magħha w hi heddidtu li se ġġib lill-pulizija u tikxfu li kellu s-sigaretti "*b'affarijiet ħażin.*" Qalet li ma kienitx taf minn fejn kien iġibhom però kien qalilha li mingħand xi ħadd 'Mario.' Peress li l-imputat beda jibża' li ġejjin il-pulizija, kien mar jaħbihom u hi marret tiġri warajh. Hi bdiet tgħajjat "pulizija" u l-ġirien ċemplu lill-pulizija.

Ibrahim kompliet tgħid illi l-imputat kien tefa' s-sigaretti "*taħt il-Madonna*" u qalilha li kien tahom lill-ħbieb tiegħu. Iżda hi ma emmnitux u wara li baqa' sejjer, hi marret tfittex u sabithom. Imbagħad poġġiethom taħt siġra oħra biex ma jerġax joħodhom u biex meta jiġu l-pulizija "*jarfu l-verità.*" Kompliet tgħid illi s-sigaretti kienu ġo bagalja sewda u bagalja blu u kienu tad-ditti *Marlboro* u *Royal* però qalet "*ma nafx kemm kien hemm, jien ma niftaħx l-affarijiet tiegħu.*" Qalet illi dakinhar marret id-dar u wara xi tletin minuta reġa' wasal Romedan li beda jgħajjat u jsaqsiha għas-sigaretti. Qalet illi bdiet toħodlu *video* mingħajr ma hu ma kien jaf "*għax ma jifhimx.*" Hi bdiet tgħajjat għax beda jżommha u daħal ġewwa biha u beda jgħidilha li se jkollu x'jaqsam magħha. Hu waqqagħha mal-art u beda "*jagħmel mossi*" fuqha, però kienu bil-ħwejjeġ.

Qalet illi qatt ma kellha relazzjoni mal-imputat. Żiedet tgħid li ġieli mess il-parti tiegħu waqt li kienu jkunu qegħdin jitkellmu. Meta ġibditlu l-attenzjoni, qalilha li "*minnu jagħmel hekk.*"

Mistoqsija għalfejn ma telqitx meta kienu qegħdin jiġġieldu spiss, wieġbet "*ma kontx nagħraf li huwa hekk u ma kellix dar.*" Temmet illi riedet taħfer lill-imputat u ma riedet iddaħħal lil ħadd il-ħabs. Qalet ukoll li ma ridietx tweġġa' lill-

---

[8] *Current Incident Report* a fol.82-84
[9] **DOK.JR1** a fol.87-88

imputat. Hija lanqas ma ffirmat id-dikjarazzjoni għaliex ma ridietx tagħmillu rapport.

*Stqarrija tal-Imputat*[10]

L-imputat qal illi xogħlu kien li jiksi u jkaħħal. Kien ilu joqgħod fl-indirizz tal-Furjana mill-20 ta' Marzu, 2019 u qabel kien joqgħod il-Ħamrun. Mona kienet għamlet xahrejn toqgħod miegħu ġewwa l-Ħamrun, spejjeż għalih. Imbagħad kienet marret miegħu l-Furjana għal dawk l-aħħar ġimgħat. Kompla jispjega illi kien jaf lil Mona "*mit-triq*" fil-Ħamrun. Qal illi kienet "*storja ħażina dil-mara. Dejjem tiġġieled man-nies. Ilha twaħħal nies il-ħabs.*" Stqarr illi żammha għandu għaliex ma kellhiex fejn toqgħod u kien ħenn għaliha.

Meta mistoqsi dwar l-argument li kellu ma' Mona l-ġurnata ta' qabel, spjega illi kienet ilha ddaħħal in-nies ġewwa daru biex "*tagħmel is-sex magħhom*" u hu ma riedx dawk l-affarijiet. Hi kienet toħdilhom il-flus u mbagħad ma tmurx magħhom. Il-ġurnata ta' qabel kien keċċa 'l barra kemm l-irġiel li sab ġo daru, li kienu Sirjan u ieħor mill-Afrika, kif ukoll lil Mona. Hi ħarġet barra, tħabbat u tgħajjat "*pulizija*" u bdiet ukoll tkisser il-*fridge.* Meta waslu l-pulizija, bdiet tgħid li hu ried ikollu x'jaqsam magħha. Iżda hu spjega li ried idaħħalha ġewwa "*minħabba n-nies għax in-nies iridu jorqdu.*"[11]

Rigward is-sigaretti bla dazju, hu qal li ma kienx jaħdem fuq is-sigaretti u ma kienx ipejjep. Insista illi l-affarijiet li sabu l-pulizija, ma kinux tiegħu. Stqarr illi ma kien jaf xejn. Kompla jgħid illi hu kien jaqla' "*lira tajba*" minn xogħlu u għalhekk ma kellux għalfejn iżomm sigaretti. Dakinhar tal-akkadut, meta wasal id-dar sab żewġ irġiel jiġġieldu minħabba l-flus li ħadet mingħandhom Mona. Qal illi kienet "*tħawwad ħafna, kisħa, għandha ħafna problemi.*"

Rigward l-inċident tad-29 ta' Lulju,2018 meta kien imwaqqaf mill-uffiċjali tad-Dwana ġewwa l-Monti tal-Ħadd fil-Furjana, stqarr illi s-sigaretti kienu nstabu fil-ġenb u mhux fuqu waqt li hu kien qiegħed jistenna ħabib tiegħu. Ma riedx jagħti d-dettalji tiegħu għax baqa' jinsisti li dawk is-sigaretti ma kinux tiegħu. Huwa ċaħad li kien qal li xtara dawk is-sigaretti mingħand persuna Għarbija u li dawk kienu għall-użu personali tiegħu. Meta mistoqsi biex jikkonferma jekk kienx minnu li kien mitlub kemm-il darba biex imur l-Għassa u jagħmel il-ħlas dovut lid-Dwana sabiex ma jitressaqx il-Qorti, l-imputat stqarr illi kien kellem avukat li kellu l-uffiċċju Birkirkara u kien qiegħed jistenna li jirċievi karta d-dar. Iżda baqa' qatt ma rċieva xejn.

---

[10] Fol.90-92
[11] Fol.91

Wara t-tieni episodju tal-2019, kien ġie arrestat u wara kien ittieħed l-isptar. Spjega illi qabad u telaq mill-isptar, għalkemm kienu qalulu biex jistenna *"d-demm,"* għaliex damu ħafna u ma kienx jaf li kellu jiffirma. Imbagħad meta l-pulizija marru għalih id-dar qal li kien ħareġ jixtri x'jiekol għax kien bil-ġuħ.[12]

**Mona Mahmud Ibrahim,** xehdet fis-seduta tat-8 ta' April, 2025 fejn qalet illi kellha l-argument mal-imputat għaliex kien il-ħin kollu joqgħod joffendiha u kienet wissietu biex ma jibqax jagħmel hekk.

> *"Mhux sew joqgħod jgħidli, "Qaħba, qaħba!" u jaħraqni, u kemm-il darba ċempilt lill-pulizija u tlett darbiet fuq din il-problema, imbaghad inhraqt jiena, għidtlu, "jekk ħa toqgħod tgħid fuqi 'qaħba' u hekk, inti qed tbiegħ is-sigaretti ħa nikxfek għidtlu."*[13]

Kompliet tispjega illi kien iġiblu s-sigaretti wieħed Malti u kien ibiegħhom bil-grossa wara x-xogħol fil-bini. Qalet illi kienu jċemplulu l-klijenti u jmur bihom.

| | |
|---|---|
| ***"Ix-xhud:*** | *.....Sigarett, mhux drogi u hekk kien ibiegħ.* |
| ***Il-Qorti:*** | *Sigaretti biss.* |
| ***Ix-xhud:*** | *Eħe biss.* |
| ***Il-Qorti:*** | *U fejn kont taf li ma kinux?* |
| ***Ix-xhud:*** | *Tajbin?* |
| ***Il-Qorti:*** | *Eh.* |
| ***Ix-xhud:*** | *Għax naf bihom ta' three fifty, anke hemm ħanut il-Hamrun ibiegħu faċċata tal-pulizija jbiegħu."*[14] |

Spjegat illi meta ġġieldu kienu ġewwa d-dar tal-imputat fil-Furjana. Imbagħad hu ħareġ *"bihom il-borża"* u hi kienet telqet tiġri warajh. Qalet illi ħbihom *"fejn is-siġra, fejn il-Madonna...Qabel il-Bombi."*[15] Kompliet tgħid illi l-imputat kien rema s-sigaretti fejn is-siġra u ħarab għaliex kien raha ċċempel lill-pulizija, tgħidilhom, *"Ejja issa, ejja issa!"* Ix-xhud ma kienitx tiftakar kemm kien hemm kaxxi u lanqas x'ditta kienu, *"....jiena ħadhom il-pulizija mingħandi, minn idejja."*[16]

In kontro-eżami, kkonfermat illi l-imputat kien daħħalha ġo daru biex jgħinha għaliex ma kellhiex fejn toqgħod u kellha idejha miksurin meta marret għandu. Ċaħdet illi kienet ħbiet is-sigaretti hi. Qalet illi kienet ġriet wara l-imputat mid-dar tiegħu sa fejn dik is-siġra u ċemplet lill-pulizija.

| | |
|---|---|
| ***"Difiża:*** | *Baqgħu fuq il-linja l-pulizija miegħek il-ħin kollu?* |

[12] Fol.92
[13] Fol.95
[14] Fol.96
[15] Fol.97
[16] Ibid

| | |
|---|---|
| **Ix-xhud:** | *Le, ma baqgħux, huma qalu ġejjin, u ma ġewx, five minute, kull five minute qgħadt inċempillhom."*[17] |

Kompliet tispjega illi mbagħad hi baqgħet ħdejn is-siġra sakemm ġew il-pulizija:

> *"Le, ma damux il-pulizija, ġew, għidtilhom, "Dan tiegħu," qaluli, "thank you," ħaduh, imbagħad daħlu d-dar, fettxu l-boroż u hekk, imbagħad arrestawh, ħarbilhom l-ieħor, imbagħad ħarab dan mill-hospital, imbagħad dan li ġara kollox. Għidtilha jiena lill-ispettur, "Dak mhux droga, dak sigarett." Għidtilha, "Jiena għax offendieni u hekk. Ma rridx indaħħal lil ħadd ħabs jew nagħmel ħsara jew hekk."*[18]

*Xhieda tal-Imputat*

L-imputat *viva voce* spjega illi kien iltaqa' ma' Mona Ibrahim ġewwa l-Ħamrun, tgħajjat fil-pjazza li ma kellhiex fejn torqod. Għalhekk kien għamlilha pjaċir u daħħalha ġo daru fejn kellu xi persuni oħra, kollha jħallsu l-kera. Kienet qaltlu li kellha tagħmel ħmistax u mbagħad titlaq, iżda minflok baqgħet erba' xhur. Meta sid id-dar mar biex ikeċċihom, l-imputat mar fid-dar tal-Furjana u Ibrahim marret miegħu. Qaltlu li kellha toqgħod ġimgħa iżda baqgħet hemm *"U jiena ma ridthiex fid-dar."*[19] Rigward is-sigaretti ta' kuntrabandu, l-imputat insista illi ma kien jaf xejn u li dawk is-sigaretti li nstabu mill-pulizija kienu ta' Mona Ibrahim.

| | |
|---|---|
| **"Difiża:** | *Spjegalna x'ġara dakinhar. Spjegalna naqra x'ġara.* |
| **Ix-xhud:** | *Bis-sikkin tiġri warajja.* |
| **Difiża:** | *Iva x'ġara dakinhar? Min ħareġ jiġri wara min? Ta' min kienu s-sigaretti?* |
| **Ix-xhud:** | *Is-sigaretti ta' Mona, lanqas naf xejn għandha dan ix-xogħol."*[20] |

Kompla jispjega illi:

> *"Is-sigarett ta' Mona Ibrahim u Mona Ibrahim jaf ħafna nies barranin madwarha. U meta niġi lura mix-xogħol insib nies fid-dar tiegħi magħha, ma' Mona Ibrahim……Dawk in-nies illi kienu ma' Mona Ibrahim ipejpu ħaxix, etc, etc, u sigaretti. Hemm xi taħwid veru kien. U dak il-perjodu jiena mort l-isptar, mort il-ħabs u kif mort il-ħabs l-istorja waqaf hawnhekk."*[21]

---

[17] Fol.101
[18] Fol.102
[19] Fol.103
[20] Fol.104
[21] Fol.104-105

L-imputat kompla jgħid illi l-allegata Mona Ibrahimkienet għamlet ir-rapport dwaru lill-pulizija sabiex hu kien jinġabar u hi setgħet tibqa' ġo daru.

> *"Dak l-iskop li kellha Mona. Mona Ibrahim iġġib nies barranin ġewwa d-dar biex jagħmlu affarijiet sesswali. Il-kelma 'qaħba' tidħol fil-mertu, mhux mertu, fil-qosor, tagħmel affarijiet sesswali. U jiena ma nagħmilx... ebda dawn l-affarijiet. Jekk tagħmel dawn l-affarijiet, oħroġ mid-dar. Dak l-intenzjoni ta' Mona."*[22]

In kontro-eżami l-imputat qal illi r-raġuni għalfejn ried iħallas l-ammont dovut lid-Dwana għalkemm is-sigaretti ma kinux tiegħu, kienet illi ma riedx problemi u xtaq jeħles minn dawn il-proċeduri ġudizzjarji.

> *"….għaliex ir-raġuni ma rridx problem, biex ma nitlifx il-post tax-xogħol, għal dak il-punt ħallastu, ma rridx problemi aktar…..biex noħroġ minn dawn il-proċedura fil-Qorti, etc, etc"*[23]

Ikkunsidrat ukoll,

Imiss li jiġu kunsidrati il-provi in sostenn tat-tieni imputazzjoni

Ġew preżentati *Letters to Prosecute* maħruġa mid-Direttur Ġenerali tad-Dwana u mill-Kummissarju għat-Taxxi kif ukoll n-Noti ta' Qbid relattivi.[24]

**PS507 Rhys Cassar** xehed li wara li Mona Ibrahim indikat lilu l-post fejn suppost kellhom jinstabu s-sigaretti jirriżulta sab bagalja ta' lewn iswed u basket ta' lewn blu li ġo fihom kien hemm sigaretti li ma kellhomx id-dazju.[25]

**Emanuel Mifsud,** *Enforcement Officer* mad-Dwana, spjega illi fit-12 ta' April, 2019, kien irċieva telefonata mill-Għassa tal-Pulizija tal-Belt biex jiġbor *"sitt (6) grosos Marlboro u erba' (4) grosos Business Royals flinkien ma' disa' (9) pakketti l-istess Business Royals"* biex jeħodhom *"for safe custody fil-post tad-Dwana."* sitt (6) grosos *Marlboro,* erba' grosos *Business Royals* u disa' (9) pakketti tal-istess *Business Royals* biex joħodhom *for safe custody* għand id-Dwana. Jikkonferma li dawk l-oġġetti kienu għadhom hemm sal-lum.[26]

---

[22] Fol.105
[23] Fol.106
[24] Fol.16-17 u fol.78
[25] Fol.61
[26] Fol.63

Ix-xhud kompla li is-sigaretti kien jaf li kienu tal-kuntrabandu peress li ma kellhomx il-boll, ***"mingħajr tikketta".*** Hu esebixxa riċevuta[27] in konnessjoni ma' dawk is-sigaretti.[28]

**Mario Abela,** eks-impjegat tad-Dwana, spjega illi kien għamel valutazzjoni ta' 60 pakkett *Marlboro* u 49 pakkett *Business Royals,* liema valutazzjoni kienet tammonta għal €63.22.[29]

**Daniele Debattista,** eks-impjegat ġewwa t-*Tobacco Products Unit,* spjega illi kien ħadem il-*computation of taxes* skond il-valuri tas-sigaretti li nqabdu.[30]

Madankollu, dawk it-testimonjanzi ftit li xejn tefgħu dawl dwar lil min kienu jappartjenu dawk l-oġġetti ta' kuntrabandu.

Xhud minnhom qal illi *"qaltilna ukoll li kellu xi sigaretti moħbija u li dawn kienu tiegħu."*[31] L-uffiċjal l-ieħor spjega illi wara li Mona Ibrahim qaltlu li l-imputat kien iġib xi sigaretti bla dazju, hu segwiha sal-post fejn l-imputat allegatament kien ħeba minn dawn is-sigaretti.

> *"....sibt bagalja ta' lewn sewda, li kellha xi sigaretti li ma kellhomx id-dazju u kif ukoll basket, jekk mhux sejjer żball ta' lewn blu, li ukoll kellu xi sigaretti ta' bla dazju."*[32]

Ix-xiehda ta' dawn l-uffiċjali ma tagħmilx prova kontra l-imputat in kwantu li tibqa prova *hearsay*.

Minkejja li kien jispetta l-prosekuzzjoni li minn tal-inqas tesebixxi ritratti ta' dak li kien qed jiġi esebit formalment, il-Qorti xorta issib li **m'hemmx dubbju li dak li ġie elevat kienu tassew sigaretti.**

Ix-xiehda ta' Emanuel Mifsud, PS507, in-Nota ta' Qbid li ma giet kontestata bl-ebda mod mill-imputat ma jħallu l-ebda dubbju fir-rigward. Tali fehma tal-Qorti hi msaħħa b'dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċeduri **Il-Pulizija vs Gordon Grech,** konsiderazzjonijiet li jsibu applikazzjoni ghal każ odjern:[33]

---

[27] **DOK.EM** a fol.65
[28] Fol.63.
[29] Fol.66. Vide **DOK.MA** a fol.67
[30] Fol.73. Vide **DOK.DD** a fol.74
[31] Fol.59
[32] Fol.61
[33] Per Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri; Deċiża 14 ta' Marzu 2024

Illi din il-Qorti tinnota li waqt is-sottomissjonijiet finali, il-konsulent legali tal-appellant għamel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Vella** (Numru 89/2023) mogħtija fit-23 ta' Mejju 2023 minn din il-Qorti diversament preseduta. Din il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta fl-20 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Xuereb et** (Numru 166/2018) fejn ingħad is-segwenti:

> "Illi t-tielet aggravju li huwa dwar il-merkanzija abbord is-Sea Lioness, l-appellanti jissottomettu li biex issib definizzjoni ta' sigarett wieħed irid jaqra Artikoli 4(1) u 7(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 95/59 KE. Din il-Qorti ma taqbilx li ma ġiex ippruvat x'kien il-kontenut li kien hemm fuq is-Sea Lioness. Mhux biss hemm in-Noti ta' Qbid iżda hemm ukoll ix-xiehda tal-Valuation Officer. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li minkejja dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Borg et** (Numru 312/2018), li din il-Qorti ġiet mistiedna tieħu konjizzjoni tagħha mill-appellanti, din il-Qorti ma tikkondividiex il-linja ta' ħsieb imsemmi fiha fir-rigward ta' inkarigu ta' espert u tinnota li m'hemmx għalfejn jitqabbad espert biex jgħid li oġġett huwa sigarett għax m'hemmx bżonn li ssir prova ta' affarijiet li jitkellmu minnhom infushom. Għandu jingħad li espert jitqabbad meta jkun hemm bżonn xi ħadd tas-sengħa f'xi qasam partikolari li l-Qorti jkollha bżonn ħa jiġu ċċarati l-affarijiet. Mhux meħtieġ anqas li tiġi maħtura Inkjesta Maġisterjali pero' xejn ma jnaqqas li din tiġi maħtura.
>
> Illi, b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, jekk tkun ikkunsidrata x-xiehda tal-Valuation Officer waħidha u rreqqa li biha wasal għall-valutazzjoni huwa biżżejjed li dan kien jaf biżżejjed dwar xiex kellu jagħmel il-valutazzjoni. M'hemmx dubju dwar l-ammont ta' sigaretti nvoluti u ta' liema brand kienu. Il-Prosekuzzjoni ppruvat dan kollu 'l hemm minn kull dubju raġonevoli b'dan illi l-prova xjentifika ta' espert li qed jinsistu fuqha l-appellanti ma kienx hemm bżonnha f'dan il-każ."

Illi s-sentenza appena ċitata kienet tirrigwarda sigaretti mentri din is-sentenza li qed tingħata llum tirrigwarda dak li suppost kien alkoħol. Għal kull buon fini jingħad li fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat ġew imniżżla ssegwenti kliem:

> "Is-sigaretti u x-xorb in kwistjoni, li ġew maqbuda bin-Nota ta' Qbid numru 65/2006 għandhom Valur, Dazju tas-Sisa, Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) kif jidher [...]."[emfażi miżjuda]

Illi jidher li l-kelma "is-sigaretti" fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant ġiet imniżżla bi żball. Din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Xuereb et** (Numru 166/2018) u li ġiet ċitata hawn fuq għandu jsib applikazzjoni f'dan il-każ ukoll. Minkejja dan, fl-atti proċesswali tal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti lanqas biss ġie eżebiet ritratt/ritratti ta' dak li ġie maqbud. Fl-assenza ta' Inkjesta Maġisterjali u fl-assenza li l-Ewwel Qorti tappunta espert sabiex jeżamina l-kontenut tal-fliexken maqbuda, kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tal-anqas tippreżenta ritratt/ritratti ta' dak li ġie maqbud li kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni fl-assiem tal-provi kollha hekk kif prodotti quddiem l-Ewwel Qorti. Illi meħud in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti quddiem l-Ewwel Qorti (inkluż il-fatt li ma ġie ppreżentat l-ebda ritratt kif hawn fuq imsemmi) huma fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti u dana speċjalment minħabba l-fatt li f'dan il-każ l-istqarrija tal-appellant ma għandhiex tiġi kkunsidrata u minħabba li dak li qal l-appellant allura imputat quddiem l-Ewwel Qorti ma wassal għal imkien.

Fis-sentenza appena ċitata l-Qorti kompliet:

> Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għal Artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:
>
> > "Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti, maqbuda minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju, jew għal raġuni oħra li ġġib magħha l-konfiska, inkella fi proċedimenti għall-ġbir ta' xi piena ta' flus jew xort' oħra skont din l-Ordinanza tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oġġetti kienx ġie mħallas, jew jekk dawk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi, jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oġġetti,
> >
> > f'kull wieħed minn dawn il-każijiet il-prova tiegħu tmiss lill-persuna li tagħmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tiegħu jsir dak il-proċediment, skont il-każ."
>
> Illi minn qari ta' Artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li l-prova li trid tagħmel il-Prosekuzzjoni hi li d-dazju ma tħallasx. Minn hemm 'il quddiem, l-oneru tal-prova jinkombi fuq
>
> l-imputat biex jipprova jekk id-dazju li jmiss fuq l-oġġetti ġiex imħallas, jekk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oggetti. Biss pero' qabel ma tali oneru tal-prova jinxteħet fuq l-imputat, la darba l-Prosekuzzjoni trid tipprova li ma rriżultax li tħallas id-dazju, huwa necessarju li hija (il-Prosekuzzjoni) tipprova x'inhu l-oġġett li fuqu kellu jitħallas id-dazju. Dan ma jirriżultax li sar f'dan il-każ u b'hekk l-oneru tal-prova ma nteħitx fuq l-appellant allura imputat.

Dan ifisser li l-prosekuzzjoni mhux biss ppruvat il-każ tagħha in kwantu li l-oġġetti maqbuda kienu sigaretti iżda, tenut nuqqas ta' provi kontrarji li seta' jġib il-quddiem l-imputat, dawn kienu sigaretti li fuqhom taxxi w dazji ma kienux tħallsu.

**Madanakollu, il-prosekuzzjoni naqset manifestament milli tressaq prova sal-grad mistenni minnha li dawk is-sigaretti tassew kienu jappartjenu lill-imputat.**

F'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni straħet totalment fuq dak li qalet l-allegata Mona Ibrahimli l-imputat, l-istess individwu li għal xhur sħaħ kien taha kenn ġewwa r-residenza tiegħu, kien qiegħed ibiegħ is-sigaretti bil-kuntrabandu. Fil-fatt, l-unika merkanzija mertu ta' din l-imputazzjoni kienet tikkonsisti proprju f'dawk il-grosos u pakketti li l-istess allegata Mona Ibrahim għaddiet lill-pulizija wara li ħadithom ħdejn siġra f'post pubbliku ftit 'il bogħod mid-dar tal-imputat fejn, skontha, l-imputat kien ħbihom.

Dan il-każ beda minn rapport dwar allegati insulti u theddid wara li l-pulizija mill-Għassa tal-Belt irċeviet żewġ telefonati anonimi dwar argument li kien qiegħed iseħħ bejn raġel u mara ġewwa l-Furjana. Iżda meta l-pulizija kienu qegħdin ikellmu lil dik il-mara fuq il-post, hi allegat illi r-raġel li miegħu kellha xi tgħid kien ibiegħ is-sigaretti bil-kuntrabandu. Kompliet tallega illi hu kien

ħeba minn dawk is-sigaretti ħdejn siġra f'lok pubbliku fil-Furjana u ħadet lill-pulizija f'dak il-lok fejn nstabu żewġ basktijiet kontenenti xi grosos u pakketti tas-sigaretti mingħajr tikketta u għaldaqstant, meqjusa bħala illegali. Ir-raġel, jiġifieri l-imputat odjern, ċaħad kategorikament li dawk is-sigaretti kienu tiegħu, anzi insista illi kienu ta' dik li kienet irrapurtatu, ċioe l-istess persuna li kienet ilha xhur tirrisjedi ġo daru wara li hu kien ħenn għaliha peress illi ma kellhiex fejn toqgħod. Għaldaqstant, każ li beda minn inċident relatat ma' allegati insulti u theddid, evolva f'kawża dwar allegat reati kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

Hu evidenti illi l-prosekuzzjoni bbażat il-każ tagħha fuq il-verżjoni tal-allegata vittma. Huwa minnu illi ai termini tal-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> B'dan kollu, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Kif tennew kemm-il darba l-Qrati tagħna, fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Magri:**[34]

> Kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, xhud wieħed jekk emnut, huwa biżżejjed biex iwassal għal sejbien ta' ħtija (art.638(2) Kap.9) però hemm ċerta regoli x'jiġu osservati qabel il-Qorti ma tkun tista' titfa l-piż kollu ta' kredibilita` fuq dak ix-xhud. Fosthom hemm l-imġieba, l-kondotta w il-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew ihiex konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda w jekk ihiex imsaħħa minn xhieda oħra w taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ (art.637 Kap.9)

Illi għalhekk, kollox jiddependi fuq il-kredibbilità tax-xhieda kif imkejla fid-dawl ta' dawn il-fatturi appena ċitati kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Fil-proċeduri odjerni, il-prosekuzzjoni ibbażat il-każ tagħha fuq il-verżjoni tal-allegata Mona Ibrahimli tkellmet mal-pulizija *a tempo vergine* fuq il-lok tal-allegat inċident, l-għada tal-istess akkadut meta rrilaxxat dikjarazzjoni u sitt snin wara meta tat ix-xhieda tagħha *viva voce* quddiem il-Qorti kif preseduta. Il-verżjoni tagħha kienet tikkontrasta ma dak li qal l-imputat li, sa minn meta tkellem mal-pulizija dakinhar tal-akkadut, ċaħad kategorikament illi dawk il-grosos u pakketti kienu tiegħu. Hu insista illi dawk is-sigaretti kienu tal-allegata Mona Ibrahimli kienet qiegħda tipprova twaħħal fih bi skop partikolari, ċioe` sabiex hu jiġi arrestat u b'hekk hi setgħet tibqa' liberament ġo daru fejn kienet tagħmel *"affarijiet sesswali"* ma' nies barranin li kienet iddaħħal kontra r-rieda tal-imputat.

---

[34]Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Michael Mallia, deċiża fil-21 ta' Jannar, 2011, Appell.Nru.193/2009

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara,** l-Qorti tal-Appell Kriminali osservat illi meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti:

> ...jistgħu jiġru żewġ affarijiet: jew il-ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement pruvat, u allura għandu jillibera; jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta, u jekk dik il-verżjoni tkun timporta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor kif ingħad.[35]

Ikkunsidrat ukoll,

Wara li eżaminat bir-reqqa dak kollu li qalet l-allegata vittma, il-Qorti rriskontrat ċerti kontradizzjonijiet u inkonsistenzi li jitfgħu dell fuq il-kredibbilità ta' din ix-xhud u fuq kemm il-verżjoni tagħha kienet tali li tista' torbot fuqha kif ser isegwi.

*Inkonsistenzi fil-verżjonijiet ta' Mona Ibrahim fi stadji differenti tal-każ*

i) Skond il-*Current Incident Report* Mona Ibrahim allegat illi dakinhar tal-argument li kellha mal-imputat hu kien wettaq abbuż sesswali fil-konfront tagħha billi tefagħha mal-art, intefa' fuqha bil-ħwejjeġ u beda jagħmel mossi li qed ikollu x'jaqsam magħha.[36] L-għada, hija ddikjarat mal-pulizija illi l-imputat kien beda jheddidha u jgħidilha *"illum jien ser naħ*ik."*[37] Iżda meta xehdet quddiem il-Qorti m'għamlet l-ebda referenza għal dan allegat abbuż sesswali. Qalet biss illi l-imputat kien joffendiha billi jgħidilha *"Qaħba, qaħba!"* u għalhekk kienet qalet, *"...tgħajjarni qaħba l-ħin kollu, taħraqni, għidtlu ħa nikxfek."*[38]

ii) Fil-*Current Incident Report* issemma' filmat li l-allegata Mona Ibrahimuriet fuq il-*mobile* tagħha lil PS 507 fejn l-imputat instema diversi drabi jgħid 'sigarett' fost ħafna tgerfix ta' kliem ieħor. Iżda Mona Ibrahim m'għamlet referenza għal dak il-filmat meta xehdet f'dawn il-proċeduri. Barra minn hekk, il-prosekuzzjoni qatt ma ppreżentat tali filmat bħala prova u l-uffiċjali tal-pulizija li kellmu lil Ibrahim dakinhar tal-akkadut, lanqas semmew dan il-filmat meta xehdu fil-proċeduri.

---

[35] Per is-S.T.O. Prim Imħallef Vincent Degaetano, deċiża fid-9 ta' Settembru, 2002. Appell.Nru.128/02

[36] Fol.83

[37] Fol.87

[38] Fol.95

iii) Fid-dikjarazzjoni tagħha l-għada tal-inċident, Ibrahim qalet illi wara li l-imputat ħeba s-sigaretti taħt siġra f'lok pubbliku fil-Furjana, reġa' rritorna d-dar *"wara xi tletin minuta."*[39] Meta xehdet fil-proċeduri, qalet illi wara li ħeba s-sigaretti taħt is-siġra *"telaq lejn il-Hamrun."*[40] L-uffiċjali li marru fuq il-post ikkonfermaw illi meta waslu ġewwa Triq il-Miratur, fil-Furjana sabu lil Mona Ibrahim targumenta ma' l-imputat.

iv) L-allegata Mona Ibrahimxehdet illi dakinhar tal-argument mal-imputat kienet bdiet iċċempel lill-pulizija *"kull five minute"*[41] waqt li segwiet lill-imputat sa ħdejn il-post fejn allegatament ħeba s-sigaretti. Kompliet tispjega illi kienet baqgħet hemmhekk sakemm waslu l-pulizija.

| | |
|---|---|
| ***"Il-Qorti:*** | *Inti erġajt ċempilt lill-pulizija biex jiġu.* |
| ***Ix-xhud:*** | *Iva, għidtilhom, "Ejja għax ħbihom wara s-siġra," għidtilhom.* |
| ***Il-Qorti:*** | *Inti, meta sabuk il-pulizija fejn kont, ħdejn is-siġra?* |
| ***Ix-xhud:*** | *Kont ħdejn dik is-siġra, ehe.* |
| ***Il-Qorti:*** | *Bqajt hemm jiġifieri inti sakemm ġew il-pulizija?* |
| ***Ix-xhud:*** | *Ehe, ehe."*[42] |

<u>Il-Qorti tosserva illi din il-verżjoni kienet tikkuntrasta ma' dak li xehdu ż-żewġ uffiċjali tal-pulizija li kkonfermaw illi meta marru biex jinvestigaw ir-rapport li kien sar dwar xi argument fil-Furjana, kienu sabu lil Mona Ibrahim targumenta mal-imputat fi Triq il-Miratur. Kien biss wara, waqt li kienu qegħdin jieħdu l-verżjoni tagħha, li semmiet is-sigaretti u ħadithom fil-ġnien ta' ħdejn il-MEPA fejn allegatament kien ħeba s-sigaretti l-imputat!</u>

v) Filwaqt li Mona Ibrahim qalet li bdiet iċċempel lill-pulizija *"kull five minute"* għaliex *"huma qalu ġejjin u ma ġewx,"*[43] il-*Current Incident Report* semma biss *"żewġ telefonati anonimi"* li kienu daħlu ġewwa l-Għassa tal-Belt.[44]

vi) Fid-dikjarazzjoni li rrilaxxat l-għada tal-inċident, Mona Ibrahim qalet *"jiena ma niftaħx l-affarijiet tiegħu"* b'referenza għall-ħwejjeġ personali

---

[39] Fol.87
[40] Fol.100
[41] Fol.101
[42] Ibid
[43] Ibid
[44] Fol.83

> tal-imputat. Iżda fl-istess nifs qalet illi "*s-sigaretti kienu ġewwa bagalja sewda u bagalja blue u s-sigaretti kienu Marlboro u Royal.*"[45] Ladarba kienet taf ta' liema ditta kienu s-sigaretti, altru milli kienet taf x'hemm f'dawk il-bagalji!

Il-Qorti temmen illi l-verżjoni tal-allegata Mona Ibrahim kienet karatterizzata minn nuqqas ta' konsistenza u diskrepanzi li ma jagħmluhiex waħda attendibbli. Għalkemm ċaħdet illi s-sigaretti elevati ma kinux tagħha, l-istess xhud tidher illi kienet taf sewwa fhiex kienu jikkonsistu meta qalet illi kienu sigaretti "*biss*" u "*mhux drogi.*"[46] Kienet taf ukoll li ma kinux "*tajbin*" għaliex meta mistoqsija dwar dan mill-Qorti, qalet:

> "*Għax naf bihom ta' three fifty, anke hemm ħanut il-Ħamrun ibiegħu faċċata tal-pulizija jbiegħu*".[47]

Din id-dikjarazzjoni ssaħħaħ il-verżjoni tal-imputat illi l-allegata Mona Ibrahim kienet iddaħħal irġiel barranin ġo daru u meta kien jasal lura mix-xogħol kien isibhom hemmhekk magħha "*ipejpu ħaxix, etc,etc, u sigaretti.*"[48] Huwa ddeskriva dak li kien iseħħ ġewwa r-residenza tiegħu bl-involviment ta' Mona Ibrahim bħala "*taħwid veru*" u stqarr illi ma kienx japprova mill-"*affarijiet sesswali*" li kienet tagħmel l-istess Ibrahim. Kien proprju għalhekk illi riedha toħroġ minn daru. Fil-fatt, hu sostna illi l-allegata Mona Ibrahim qalet li dawk is-sigaretti ta' kuntrabandu kienu tiegħu sabiex iddaħħlu fl-inkwiet mal-pulizija, b'tali mod li teħles minnu u b'hekk tkun tista' tibqa' liberament ġo daru.

Kuntrarjament għall-verżjoni ta' Mona Ibrahim, il-verżjoni tal-imputat kienet konsistenti u attendibbli. Huwa stqarr illi xtaq jevita l-proċeduri ġudizzjarji għaliex ma riedx problemi u beża' li jitlef ix-xogħol. Dik kienet ir-raġuni għalfejn kien lest li jħallas id-dazju u taxxa dovuti lill-erarju pubbliku minkejja li baqa' jinsisti illi dawk is-sigaretti ma kinux tiegħu. L-imputat qal illi kien ilu jgħix Malta 'il fuq minn ħdax-il sena u kien jagħmel xogħol ta' tikħil u kisi. Kompla jgħid illi "*in-nies tafni, tifel sew,*"[49] u fil-fatt il-fedina penali tiegħu, ippreżentata in atti, kienet waħda netta.[50] L-istess allegata Mona Ibrahim qalet illi l-imputat kien ħenn għaliha meta ma kellhiex fejn toqgħod u qalilha "*mhux ħa nħallik mara torqod barra.*"[51] Hi mhux biss baqgħet ġo daru aktar milli kienet qaltlu li se toqgħod, iżda jidher illi l-imġieba tagħha dejqet lill-imputat li

[45] Fol.87
[46] Fol.96
[47] Ibid
[48] Fol.105
[49] Fol.104
[50] Fol.8
[51] Fol.102

għalhekk ordnalha biex titlaq. Qalet illi ħassitha offiża għaliex l-imputat beda jgħajjarha *"qaħba"* iżda kienet evażiva għall-aħħar meta mitluba biex tikkonferma jekk kienx minnu li l-imputat kienu dejquh *"l-affarijiet li beda jara jsiru ġod-dar tiegħu."* [52]

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, l-Qorti mhix moralment konvinta illi l-prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi. Fil-fehma tal-Qorti, meta l-każ kien jippernja fuq verżjoni ta' xhud waħda, una volta dik il-verżjoni rriżultat bħala waħda inattendibbli, il-każ tal-prosekuzzjoni ġie inevitabbilment imdgħajjef.

**Decide**

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kwalunkwe ħtija u piena.

*Konfiska*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs George Pace**, il-Qorti irriteniet li minkejja li jkun hemm liberatorja, ġaladarba jiġi pruvat li oġġetti maqbuda kienu illegali, dawn għandhom jittieħdu mill-pussess ta' sidhom u jiġu konfiskati:[53]

> 4. L-ewwel Qorti gustament ma sabitx htija fl-appellat ghaliex kien hemm diskrepanza sostanzjali bejn id-data li allegatament kien skopert il-pussess illegali ta' dan il-gasoil u dak li xehedu ix xhieda tal-prosekuzzjoni. Madankollu, l-artikolu 60 tal-Kapitolu 37 huwa car meta bl-ahhar parti tieghu jipprovdi illi: "f'kull kaz bhal dan, l-oggetti hawn fuq imsemmija ghandhom jigu kkonfiskati, 4 flimkien mal-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakjati maghhom, jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom". Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Francis Xavier sive Franco Borg tat-23 ta' Settembru, 1994, f'kaz fejn din il Qorti lliberat lill-appellant fuq appell tieghu rigwardanti pussess ta' arma tan-nar kienet ordnat li l-arma tan-nar u l-munizzjoni ezebiti taht l-awtorita' tal-ewwel qorti huma konfiskati favur il-Gvern ta' Malta skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 60 tal-Kap. 37;
>
> 5. Dak li qed jitlob l-Avukat Generali ma hux xi haga gdida jew straordinarja. L-artikolu 60 tal-Kap 37 jipprovdi ghal din il konfiska ghaliex anke f'kaz ta' liberatorja ikun kontrasens li l-ligi stess tippermetti li l-oggett illegali, ossia il-pussess tieghu kontra l ligi, jerga jithalla f'idejn is-sid b'mod li imbaghad ma jkunx aktar fi stat ta' illegalita'. U dan anke jekk kif jikkontendi l-appellat li hu xtara l-gasoil in bona fede;

[52] Fol.98

[53] Per Onor. Imħallef Dr. Giovanni M. Grixti; Seduta 9 ta' Diċembru, 2019; Appell Nru. 518/2017

6. Fis-sottomissjonijiet tagħha d-difiża tirritjeni illi fil-proċess hemm opinjonijiet ta' esperti ex parte minghajr ma hemm gudizzju dwarhom. Inoltre l-artikolu 60 inkiteb qabel ma daħlu d-Drittijiet tal-Bniedem fil-Liġi tagħna. Dan huwa artikolu li jgħidlek li oġġett jiġi konfiskat ukoll meta ma tinstabx ħtija;

7. Din il-Qorti m'għandha ebda kompetenza li tiddeċiedi punti Kostituzzjonali u għalhekk mhix ser teddeċiedi dwar jekk l-artikolu 60 tal-Kap 37 jiksirx xi dritt taħt ir-raba' Kap tal-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni Ewropea. Jinghad biss illi f'dan l-artikolu ma tidhirx il-kelma 'persuna' u japplika għal kull ħaġa li suppost tkun tħallas id-dazju fuqu u ma jkunx tħallas.;

7.(sic). Huwa minnu li ma kienx hemm ħatra ta' esperti da parti tal Qorti kif jghid l-appellat izda dan il-punt ma jistghax ikun mistharreg f'dan l-istadju. Dak li jirrizulta mill-atti hu li qatt ma kien hemm talba ghalhekk u lanqas ma kien hemm oggezzjoni dwar ir-rizultanzi tal-espert ex-parte li hija socjeta' li taghmel analizi u testijiet bhal dawn ghall-komunita' internazzjonali. Ir-rizultati ta' Seybolt Malta Limited mqabbda mid-Dwana kienu prezentati lill Qorti u l-appellat kien inghata wiehed mill-kampjuni issigillati ghall-uzu tieghu. Seybolt ezaminat wiehed mit-tlett kampjuni u ghalhekk kien ghad hemm zewg kampjuni issigillati ghad disposizzjoni ta' kull min ried li ssir verifika indipendenti u imparzjali. Dak l-istadju, izda, ghadda u hawn si tratta ta' gasoil bil-marka li juri li jew kien importat kontra l-ligi jew li kien fl origini tieghu importat legalment u dilwit b'gasoil li ma kienx legittimament importat;.

8. Isegwi ghalhekk li l-ewwel Qorti, ghalkemm ma sabitx htija fl-appellat, kellha xorta wahda tordna l-konfiska tal-fuel;

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 60(1)(b)(k) tal-Ordinanza Dwar id-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 17(1)(a)(d) u r-regolament numru 7 tat-Taqsima C fis-Sitt Skeda tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-oġġetti mertu ta' dawn il-proċeduri u ċioè dawk indikati fin-Noti ta' Qbid 138/2018 u 79/2019.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int.Law)**
**Maġistrat**